MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2005

Numru 317/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt. Stephen J. Gatt)**
**vs**
**Marco Mario Chircop**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Marco Mario Chircop** ta' 46 sena, bin Joseph u Maria nee' Debono, mwieled Pieta' nhar it-8 ta' Mejju, 1957, residenti gewwa 123, Triq D'Argens, Msida u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 360857(M);

Talli fil-perjodu bejn l-10 t' Ottubru, 2000 u snin ta' qabel din id-data gewwa l-Msida ukoll wara nzul tax-xemx, b'diversi azzjonijiet maghmulin anki fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom stajt kellek l-uzu jew il-konsum illegittimu tal-kurrent elettriku jew li bihom stajt waqqaft jew biddelt il-kejl jew

markar tal-meter, tal-kwantita' mehuda jew ikkunsmata jew ikkommettejt serq ta' kurrent elettriku minn gewwa l-fond 123, Rue D'Argens, Msida bhala detentur jew il-persuna li f'ismek ghandek dan il-fond jew il-persuna li assumejt responsabilta', fejn instabu dawk il-ksur jew mezzi qarrieqa ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, hin, valur u lok;

u aktar talli fl-istess zmien jum, lok u cirkostanzi, ghamilt hsara fil-makkinarju jew gumni u fili tal-eletriku, ikkagunajt it-telf ta' kurrent eletriku u ghamilt hsara jew kissirt parti ta' xi meter tal-eletriku jew sigilli ta' xi meter tal-eletriku jew xi parti minn xi apparat jew gumni jew fili, uzati fil-provista' tal-eletriku jew sigilli taghhom.

Rat il-kunsens tal-avukat generali kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti tal-kawza;

Ikkunsidrat illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti biex iwegeb ghall-akkuzi kontra tieghu wara li irrizultaw xi irregolaritajiet fil-meter tad-dawl stallat fil-fond tieghu. Jirrizulta illi impjegati tal-Korporazzjoni Enemalta kienu marru fil-fond tal-imputat sabiex jaghmlu testijiet fuq l-meter hemm stallat wara ilmenti ta' kont gholi. Is-sigilli instabu kollha intatti u l-meter kien qed jaqra l-konsum izda meta fethu l-istess sabu li kien hemm sinjal ta' levar, gasket nieqes u bicca negattiva tar-ritratti;

Illi l-imputat kien ilu joqghod fil-fond in kwistjoni ghal dawn l-ahhar tmintax-il sena u fl-istess fond kienu jabitaw terzi qabel ha l-pussess tieghu. Il-meter kien twahhal fil-5 ta' Ottubru tas-sena 1965 u l-imputat cahad illi huwa jaf xi haga dwar in-negattiva misjuba fil-meter.

Illi fil-kawzi bhal dak in dizami hemm il-presunzjoni ingenti kontra l-imputat kif ravvizat fl-artikolu 264 (2) illi f'kaz li ma jippruvax il-kuntrarju, huwa jitqies konsapevoli tal-fatti

kollha li taw lok ghar-rejat. Issa, fil-fehma tal-Qorti, l-imputat ma ghamel xejn biex jinnewtralizza din il-presunzjoni . Mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta inoltre illi l-meter l-antik kien qed jirregistra 3 units kull jum u meta twahhal l-iehor gdid, dan beda jirregistra 12-il unit kull jum. Jirrizulta ukoll illi l-meter huwa registrat f'isem l-imputat.

Illi mix-xhieda tal-ufficjal tal-Korporazzjoni EneMalta, id-differenza fil-konsum bejn Novembru 1997 u Ottubru 2000 kien stmata fl-ammont ta' Lm386.43,8;

Illi ghalhekk l-akkuzi jirrizultaw pruvati u il-Qorti qed issib lill-imputat hati taghhom hlief ghall-akkuza ta' serq aggravat bil-hin u bil-lok stante peress illi ma ngiebet ebda prova dwar dan u li del resto non centra;

Rat l-artikoli 261 (b), (c), 263, 267 u 278 (1) tal-Kap 9.

Rat il-fedina penali tal-imputat

Minflok li tikkundannah, qed tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sena mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------